MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 155/2012

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Jennifer MORFITT [ID. Nru. 41095(A)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-5 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf mija hamsa u tletin euro u sebghin centezmi ta' euro [€1,135.70] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mija, hamsa u tletin euro u sebghin centezmu (€1,135.70) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50868625 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex ihallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2012, nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mija hamsa u tletin euro u sebghin centezmi ta' euro [€1,135.70], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------